MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 195/2003

**Carmel Sghendo, Charles Barbara, George Bonello, Joseph Borg, Joseph Borg, Raymond Borg, Joseph Bugeja, John Mary Buhagiar, René Calleja, Raymond Cammeri, Anthony Caruana, Nazzareno Cauchi, Alfred Ciantar, Gerald Cutajar, David Debattista, James Debattista, Richard Debattista, Anthony Debono, Bernard Debono, Carmel Debono, Kevin Debono, Dennis Demanuele, Silvio Demanuele, Joseph Falzon, Mary Falzon, Raymond Falzon, Alfred Fenech, Neil Fenech, Raymond Fenech, Saviour Fenech, Julian Friggieri, Manuel Friggieri, Saviour Friggieri, Anthony Galea, Joseph Galea, Joseph Galea, Saviour Galea, Alfred Grech, Joseph Grech, Carmel Mallia, Vincent Mifsud, Anthony Muscat, Mario Pace, Joseph Said, Albian Saliba, Alfred Saliba, Stephen Saliba, Patrick Sciberras, Brian Scicluna, John Spiteri, Joseph Spiteri, Nazzareno Tabone, Anthony Theuma, Manuel Theuma, Carmel *sive* Charles Vassallo, Carmel *sive* Charles Vassallo, Joseph Vassallo, Martin Vassallo, Steve Vassallo, u Carmelo Zammit**

***Versus***

**Avukat Ġenerali u l-Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja u Intern għal kull interess li jista' jkollu**

F'din il-kawża l-atturi qegħdin ifittxu li jwaqqgħu Avviż Legali għax igħidu li jmur kontra dak li trid liġi ogħla.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-atturi huma kuċċiera tal-karrozzini u ilhom ħafna snin jagħmlu dan ix-xogħol, li minnu jaqilgħu l-għixien tagħhom.
Il-ministru konvenut, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija fl-artt. 34(20 u 72 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali ġKap. 363ħ, għamel regolamenti magħrufa bħala "Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Kontroll ta' Ħmieġ minn Żwiemel (Applikazzjoni Ġenerali)" b'Avviż Legali numru 67 ta' l-2002. Dak l-Avviż Legali jgħid illi l-atturi għandhom jagħmlu talba lill-kunsill lokali fejn normalment jużaw il-karrozzin biex tingħatalhom borża awtorizzata illi d-diżinn, kejl, kulur u materjal tagħha għandhom ikunu kif jingħad fl-iskeda B ma' l-istess regolamenti. L-Avviż Legali jgħid ukoll illi dik il-borża għandha tintrabat f'kull ħin maż-żiemel u mal-karrozzin.
L-atturi mill-ewwel ilmentaw mal-ministru u ma' l-uffiċjali responsabbli fil-kunsilli lokali illi l-użu tal-borża jkun ta' moħqrija fuq iż-żwiemel.
Uħud mill-atturi kienu mħarrka mil-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja mixlija bi ksur tar-regolament 6 ta' l-Avviż Legali numru 67 ta' l-2002. Uħud minnhom instabu ħatja iżda appellaw quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.
Waqt il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati nħatar bħala espert it-Tabib Veterinarju Victor Vassallo illi fit-18 ta' Novembru 2002 irrelata illi "din il-borża, u boroż oħra simili, ma jistgħux jintużaw fil-karrozzini maltin" u fisser ir-raġunijiet għala qal hekk, fosthom illi l-użu tal-borża jkun ta' moħqrija għaż-żwiemel.
L-art. 3 ta' l-Att dwar it-Trattament Xieraq ta' l-Annimali ġKap. 439ħ *inter alia* jgħid hekk:
**3.** (1) L-Istat jagħmel ħiltu, skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, biex jipproteġi l-ħajja ta' l-annimali u biex ma jħallix li jsiru, u jwaħħal pieni għal, atti ta' moħqrija lejhom.

Partikolarment, l-Istat jipproteġi dawn l-annimali minn kull ħidma mhux xierqa u minn prattiċi ta' xogħol li jmorru lil hinn minn, u ma jaqblux ma', n-natura tagħhom.
(2) L-Istat jirrikonoxxi li għandu d-dmir li jippromwovi l-ħarsien ta' l-annimali, u li l-ħarsien ta' l-annimali għandu jiġi protett bl-intervent ta' l-Istat, bl-organi leġislattivi, ġudizzjarji u amministrattivi tiegħu.
Il-konvenuti huma organi ta' l-istat u għalhekk marbuta b'din id-dispożizzjoni.
L-art. 8 ta' l-istess Att igħid ukoll illi "l-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn", u kull min, bħall-atturi, iżomm l-annimali "għandu jkun responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom" għax fin-nuqqas, jekk jinstab ħati taħt l-art. 45(1) ta' l-istess Att, jista' jeħel multa u saħansitra priġunerija. Jekk l-atturi jimxu kif irid l-Avviż Legali 67 ta' l-2002 ikun qegħdin jiksru l-art. 8 tal-Kap. 439 u jkunu jistgħu jeħlu l-piena li trid il-liġi. Hemm konflitt ċar bejn l-Avviż Legali 67 ta' l-2002 u dak li jrid il-Kap. 439.
L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:
1. tgħid illi l-irbit u l-użu tal-borża awtorizzata fuq iż-żwiemel tagħhom, kif iridu r-regolamenti 3, 4 u 6 ta' l-Avviż Legali 67 ta' l-2002, joħolqu uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn fuq l-annimali; u
2. tgħid illi, safejn dawk ir-regolamenti jridu li sseħħ prattika li hija ta' moħqrija fuq l-annimali, dawk ir-regolamenti huma f'konflitt ma' l-Att dwar Trattament Xieraq ta' l-Annimali u għalhekk ma jiswewx.
Qegħdin jitolbu wkoll l-ispejjeż.
Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:
1. l-Avukat Ġenerali ma huwiex kontradittur leġittimu għax huwa biżżejjed illi għall-Gvern jidher il-konvenut l-ieħor Ministru tal-Ġustizzja u Intern, kif irid l-art. 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;
2. għandha ssir korrezzjoni fl-isem tal-kawża għax flok il-kliem "Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali" għandu jidher il-kliem "Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja u Intern";
3. l-Avviż Legali 67 ta' l-2002 kien promulgat biex tinsab soluzzjoni għall-problema tal-ħmieġ li jħallu warajhom iż-żwiemel huma u għaddejjin mit-toroq, li mhux

biss joħloq inkonvenjent għall-pubbliku u għar-residenti iżda wkoll huwa ta' perikolu għas-saħħa;

4. il-borża li għandha titwaħħal maż-żwiemel kif irid l-Avviż Legali ma toħolqilhom ebda moħqrija;

5. ma jistax jingħad illi hemm konflitt ma dak li jrid l-Att dwar Trattament Xieraq ta' l-Annimali; u

6. kull għemil li tridu l-liġi ma jista' qatt jitqies reat kriminali.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

B'Avviż Legali 67 ta' l-2002 ġL.S. 363.86ħ, magħmul bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu taħt l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-ministru konvenut ħareġ Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Ħmieġ minn Żwiemel (Applikazzjoni Ġenerali). Ir-regolamenti 3, 4 u 6 jgħidu hekk:

**3.** (1) Mingħajr preġudizzju għal kull liċenza oħra meħtieġa għal użu ta' karrozzin fi triq, persuna għandha tapplika għand il-Kunsill tal-lokalità fejn normalment tuża l-karrozzin, sabiex tiġi provduta borża awtorizzata bi ħlas ta' dritt ta' għaxar liri.

(2) Id-disinn, il-kejl, il-kulur u l-materjal użat fil-produzzjoni tal-borża awtorizzata jkunu dawk kif indikat fl-Iskeda B.

(3) Din il-borża awtorizzata għandha tintrabat f'kull ħin maż-żiemel u mal-karrozzin bil-għan li jiġi evitat il-ħmieġ jaqa' għal fuq it-triq.

(4) … … …

**4.** Kull min ikollu karrozzin taħt il-kontroll tiegħu f'xi triq, għandu f'kull waqt jara li l-borża awtorizzata tkun f'kondizzjoni tajba, kif ukoll li tkun marbuta sew f'postha maż-żiemel u mal-karrozzin sabiex jiġi evitat f'kull ħin li jaqa' xi ħmieġ fit-triq.

**6.** Kull min jikser xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jkun ħati ta' kontravvenzjoni u jista' jeħel, meta jinsab ħati, sakemm ma tkunx applikabbli piena ogħla taħt xi liġi oħra:

(*a*) għall-ewwel kontravvenzjoni, ammenda ta' għaxar liri;

(*b*) għat-tieni kontravvenzjoni jew għal kull kontravvenzjoni sussegwenti, ammenda ta' għoxrin lira.

L-Att dwar it-Trattament Xieraq ta' l-Annimali, li, għax hu liġi mgħoddija b'Att tal-Parlament, hu ġerarkikament ogħla

mill-Avviż Legali, li hu leġislazzjoni sussidjarja, igħid, fl-art. 8(2) tiegħu, illi:

**8.** (2) L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, … … …

L-atturi qegħdin igħidu illi l-użu tal-borża approvata li jrid l-Avviż Legali joħloq uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn għaż-żwiemel, u għalhekk huwa bi ksur ta' l-Att. Il-konvenuti qegħdin jiċħdu dan. Qabel ma nidħlu fil-meritu ta' din il-kwistjoni, iżda, irridu nqisu l-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-konvenuti taħt l-art. 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li tgħid illi l-Avukat Ġenerali ma huwiex kontradittur leġittimu f'din il-kawża għax huwa biżżejjed li jidher il-Ministru tal-Ġustizzja u Intern f'isem il-Gvern.

L-art. 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid hekk:

**181B.** (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:

… … …

(2) L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.

Billi kien il-Ministru tal-Ġustizzja li kellu s-setgħa li joħroġ l-Avviż Legali, u li nqeda b'dik is-setgħa, il-kawża saret sew kontra l-ministru f'isem il-gvern, u ma kienx hemm għalfejn ikun imħarrek ukoll l-Avukat Ġenerali.

Il-qorti għalhekk tilqa' l-ewwel eċċezzjoni u teħles lill-Avukat Ġenerali mill-ħarsien tal-ġudizzju.

Tilqa' wkoll it-tieni eċċezzjoni billi l-ministru konvenut jissejjaħ Ministru tal-Ġustizzja u Intern, u mhux Ministru tal-Ġustizzja u Kunsilli Lokali, u għalhekk tordna li ssir il-korrezzjoni meħtieġa fl-*occhio* tal-kawża.

Ngħaddu issa biex inqisu l-meritu tal-kawża, li huwa dwar jekk l-Avviż Legali jmurx kontra liġi ġerarkikament ogħla.

Iż-żewġ partijiet ressqu xhieda, fosthom xhieda ta' esperti u xhieda dwar esperimenti li saru bl-użu tal-borża fuq żiemel, biex isaħħu t-teżijiet rispettivi tagħhom.

Il-qorti tibda biex tgħid illi ma hijiex wisq impressjonata bl-"esperimenti" li saru. L-esperimenti li saru bl-intervent ta' l-atturi saru wara illi dawn kienu ġà qatgħuha illi l-borża

ma riduhiex u għalhekk ma ridux illi l-esperiment jirnexxi. Ma hijiex ħaġa kbira, u, anzi, hija ħaġa li tistenniha illi sejjer ifalli esperiment li jsir bl-intervent ta' min ma jridx li dak l-esperiment jirnexxi.

Lanqas ma tista' tasal għal xi konklużjoni mill-esperiment li sar fi stalla mill-espert imqabbad mill-konvenuti. Dan ra liż-żiemel fi stalla u mexxieh biss ftit passi, fl-istalla stess u fil-wita. Ma setax jara x'jiġri meta ż-żiemel jibdel il-pass tiegħu, bħal meta jiġi għat-telgħa jew għan-niżla, jew meta jiġi biex iħaffef.

Il-konvenuti qalu wkoll illi kull ma hu meħtieġ hu li ż-żiemel jidra l-borża, għalkemm l-espert imqabbad minnhom stqarr illi jkun hemm xi żwiemel illi qatt ma huma sejrin jidrawha. L-atturi, min-naħa l-oħra, igħidu illi ż-żwiemel tagħhom ma humiex żgħar fl-età u għalhekk ma humiex sejrin jidraw il-borża faċilment daqskemm jidraha żiemel li għadu ta' ftit xhur.

Fil-fehma tal-qorti, iżda, il-kwistjoni ma hijiex biss dwar jekk iż-żiemel jidrax il-borża jew le. Jekk jidra l-borża iżda l-użu tagħha tkun ta' ħsara għal saħħtu, mela jkun qiegħed jiġi mġiegħħel isofri. Jekk, min-naħa l-oħra, l-użu tal-borża ma tagħmilx ħsara liż-żiemel iżda hemm xi żwiemel illi qatt ma huma sejrin jidrawha, dak ikun ifisser mhux illi l-Avviż Legali ma jorbotx lil sid dak iż-żiemel iżda illi dak iż-żiemel partikolari ma għandux jintuża biex iġorr karrozzin.

L-esperti taż-żewġ partijiet qablu illi, minħabba l-pożizzjoni tal-borża, denb iż-żiemel għandu jew jintrabat biex it-tarf tiegħu ma jistrieħx fil-ħmieġ, jew inkella jitħalla ħieles iżda t-tarf tiegħu jiġi fil-ħmieġ meta ż-żiemel iniżżel denbu.

L-atturi fissru illi denb iż-żiemel għandu jinżamm ħieles għax iż-żiemel jinqeda b'denbu mhux biss biex ikeċċi id-dubbien iżda wkoll biex jieħu s-saħħa fil-mixi, l-aktar meta jkollu jitla' xi telgħa. Dan ifisser illi denb iż-żiemel spiss sejjer jistrieħ fil-ħmieġ, bil-konsegwenza mhux biss illi ż-żiemel ixerred il-ħmieġ ma' ġismu meta jinqeda b'denbu biex ikeċċi d-dubbien, iżda wkoll illi d-denb jista' jdewwed u jimrad.

Din, fil-fehma tal-qorti, tkun prattika illi taħqar liż-żiemel, għax li tikxfu għal perikolu ta' mard huwa moħqrija. L-atturi għalhekk qegħdin igħidu sew illi, jekk jimxu kif irid l-Avviż Legali, ikunu qegħdin iġiegħlu liż-żwiemel tagħhom

isofru uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn. Billi dan ikun bi ksur ta' liġi ġerarkikament ogħla, l-Avviż Legali ma jiswiex biex iġiegħel lill-atturi jħaddmu dik il-prattika.
Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara illi tgħid illi l-irbit u l-użu tal-borża fuq iż-żwiemel ta' l-atturi, kif iridu r-regolamenti 3, 4 u 6 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Ħmieġ minn Żwiemel (Applikazzjoni Ġenerali), joħolqu uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn fuq l-istess żwiemel, tgħid illi, safejn dawk ir-regolamenti jridu li sseħħ il-prattika ta' l-użu tal-borża skond id-diżinn u l-kejl miġjub fl-Iskeda B tar-regolamenti, li hija prattika ta' moħqrija fuq l-annimali, dawk ir-regolamenti huma f'konflitt ma' l-Att dwar Trattament Xieraq ta' l-Annimali u għalhekk ma jiswewx.
L-ispejjeż ta' l-Avukat Ġenerali jħallsuhom l-atturi; l-ispejjeż l-oħrajn tal-kawża jħallashom il-konvenut Ministru tal-Ġustizzja u Intern.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------